

Brussell, 10 ta' Novembru 2023
(OR. en)

14270/23

INST 396
CMPT 27

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar tliet Membri tal-Qorti tal-Awdituri - Adozzjoni

1. Skont l-Artikolu 286(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kunsill, wara li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew, għandu jadotta l-lista tal-Membri tal-Qorti tal-Awdituri mfassla f'konformità mal-proposti magħmulin minn kull Stat Membru, għal mandat ta' sitt snin.
2. It-tiġdid parzjali attwali tal-Qorti tal-Awdituri jinvolveja tliet Membri li l-mandat tagħhom mistenni jiskadi fid-29 ta' Frar 2024¹.
3. Il-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament Ewropew fit-22 ta' Settembru 2023 dwar il-ħatra ta':
 - a) is-Sur Alejandro BLANCO FERNÁNDEZ, proposit mir-Renju ta' Spanja²;
 - b) is-Sa Bettina Michelle JAKOBSEN, proposta mir-Renju tad-Danimarka³;
 - c) is-Sur Tony MURPHY, proposit mill-Irlanda⁴.

¹ 6023/23.
² 7925/23.
³ 11470/23.
⁴ 11884/23.

4. Il-Parlament Ewropew ta l-opinjonijiet tiegħu dwar dawn il-ħatriet fid-9 ta' Novembru 2023.
 5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar id-Deċiżjoni li taħtar il-Membri tal-Qorti tal-Awdituri msemmija hawn fuq, kif tinsab fid-dokument 14268/23, u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.
-